31974R3301

30.12.1974 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 354/55

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL 3301/74
tad-19 ta' Diċembru 1974
fuq l-importazzjoni mingħajr dazju ta' merkanzija f'kunsinni żgħar ta' karattru mhux kummerċjali ġewwa l-Komunità

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari Artikoli 43 u 235 tiegħu;

Wara li kunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew [1];

Wara li kunsidra l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali [2],

Billi Artikolu 32(2)(ċ) ta' l-Att ta' Adeżjoni [3] jipprovdi li dħul mingħajr dazju tad-dwana għandu, mid-data ta' adeżjoni, japplika għall-importazzjonijiet li jibbenefikaw mid-dispożizzjonijiet rigward l-eżenzjoni tat-taxxa applikabbli għall-persuni li jivvaġġaw minn Stat Membru għal ieħor; billi l-iskop ta' din id-dispożizzjoni huwa li jkunu faċilitati l-kuntatti personali ġewwa l-Komunità mkabbra;

Billi l-iskambju ta' konsenji żgħar ta' merkanzija huwa fattur fit-tisħiħ tar-relazzjonijiet bejn persuni privati li joqogħdu fi Stati Membri differenti, kif inhu l-moviment tal-persuni nnifishom; billi, minħabba dan ix-xebħ bejn s-sitwazzjonijiet, id-Direttiva tal-Kunsill Nru 74/651/KEE [4] tad-19 ta' Diċembru 1974 fuq eżenzjonijiet fit-taxxa li għandhom jitħallew fuq l-importazzjoni ta' konsenji żgħar ta' karattru mhux kummerċjali ġewwa l-Komunità, jipprovdi li kunsinni żgħar ta' merkanzija mibgħuta minn persuna privata fi Stat Membru wieħed lill-persuna privata fi Stat Membru ieħor għandhom ikunu megħjuna fit-taxxi fuq it-*turnover* u dazji tas-sisa;

Billi, għall-istess raġuni, għandha tkun introdotta eżenzjoni mid-dazji tad-dwana u drittijiet li jkollhom effett ekwivalenti għall-kunsinni żgħar ta' merkanzija mibgħuta bejn il-Komunità kif kostitwa oriġinalment u l-Istati Membri ġodda jew bejn l-Istati Membri ġodda nnifisihom b'analoġija ma' l-arranġamenti għall-eżenzjoni provduta taħt Artikolu 32(2)(ċ) ta' l-Att ta' Adeżjoni; billi għal dan l-iskop Artikolu 235 tat-Trattat għandu jkun invokat;

Billi għandha titħalla eżenzjoni, fejn xieraq, ukoll fuq ammonti imponibbli fuq skambji bejn l-Istati Membri taħt il-politika komuni agrikola u fir-rigward dawk preskritti għall-merkanzija li taqa' taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1059/69 [5] tat-28 ta' Mejju 1969, li jippreskrivu l-arranġamenti tal-kummerċ li jgħoddu għal ċertu merkanzija li tirriżulta mill-ipproċessar ta' prodotti agrikoli, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1491/73 [6],

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Merkanzija li tħares il-ħtiġiet ta' Artikoli 9 u 10 tat-Trattat li tintbagħat f'kunsinni żgħar ta' karattru mhux kummerċjali bejn il-Komunità kif oriġinalment kostitwita u l-Istati Membri ġodda jew bejn l-Istati Membri ġodda nnifishom minn kull persuna privata, kulfejn tista' tkun ir-residenza permanenti jew tas-soltu tiegħu jew il-post prinċipali tan-negozju tiegħu, lill-persuna privata oħra, għandha tkun eżenti mid-dazji tad-dwana u imposti li għandhom effett ekwivalenti, sakemm jibbenefikaw mill-eżenzjoni bis-saħħa tad-Direttiva tal-Kunsill Nru 74/651/KEE.

2. Fl-iskambji bejn l-Istati Membri, għandha titħalla l-eżenzjoni, taħt l-istess kundizzjonijiet, fir-rigward ta' ammonti imponibbli taħt il-politika agrikola komuni u l-ammonti preskritti għall-merkanzija li taqa' taħt ir-Regolament (KEE) Nru 1059/69.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' April 1975.

---

[1] ĠU C 19, 12.04.73, p. 40.
[2] ĠU C 69, 28.08.73, p. 1.
[3] ĠU L 73, 27.03.72, p. 14.
[4] Ara paġna 57 ta' dan il-*Ġurnal Uffiċjali*.
[5] ĠU L 141, tat-12.6.1969, p. 1.
[6] ĠU L 151, 07.06.73, p. 1.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u għandu japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul f'Brussel, fid-19 ta' Diċembru 1974.

Għall-Kunsill

Il-President

J. P. FOURCADE